MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 132/1998/2

**Savio Spiteri**

**v.**

**Eucharist sive Chris Cassar**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-13 ta’ Frar 2003, fil-kawza fl-ismijiet premessi li kienet iddecidiet kif gej,
“Il-Qorti ,

“Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

“Illi b’citazzjoni prezentata quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet inversi Citazzjoni Numru 227/96 il-konvenut wara li ppremetta illi d-ditta tieghu ghandha tiehu minghand l-attur is-somma ta’ elf mija u tletin lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM1130.18) bilanc minn somma akbar dovuta lilha bi hlas ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenut fil-Gourmet Bar & Restaurant Rabat road, Xlendi, li l-attur irid jithallas l-ammont dovut minghand il-konvenut u li dan id-debitu hu wiehed cert likwidu u dovut u li l-attur ma kellu l-ebda eccezzjoni xi jqajjem ghat-talba tieghu, il-konvenut talab u ottjena mill-Qorti ghar-ragunijiet premessi biex b’sentenza fil-14 ta’ Novembru 1996 li biha l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenut l-ammont mitlub bl-imghaxijiet u bl-ispejjez relattivi bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) ; u

“Illi l-attur kien gie notifikat tard fil-ghaxija lejliet is-smiegh tal-kawza, ma setghax jikkomunika ma’ l-avukat tieghu fil-hin limitatissimu moghti lilu u minkejja r-rikors tieghu tal-istess data biex dina l-Qorti takkordalu l-fakolta’ li jissottometti nota tal-eccezzjonijiet, is-sentenza xorta nghatat fl-istess jum bid-dispensa tas-smiegh; u

“Illi b’rikors tal-25 ta’ Mejju, 1998 il-konvenut in ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Qbid fl-ismijiet premessi numru 526/97 talab li jsir il-bejgh in licitazzjoni tal-mobbli u immobbli maqbuda liema talba giet milqugha b’digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti tad-9 ta’ Gunju 1998; u

“Illi xi granet wara li l-attur gie notifikat bid-digriet tad-9 ta’ Gunju, 1998 fl-atti tas-subbasta numru 19/98 inkixef il-qerq u ghemil doluz li bih il-konvenut kien ottjena s-sentenza fuq imsemmija kif ukoll instabu d-dokumenti decisivi li juru bic-car li l-ammont mitlub mill-konvenut ma kienx dovut mill-attur .

“Talab lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

(1) Tordna li l-kawza fl-ismijiet Eucharist sive Chris Cassar f’ismu u bhala proprjetarju tad-ditta ‘Giov. Cassar & Sons’ kontra Savio Spiteri citazzjoni numru 227/96 deciziva b’sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti fil-14 ta’ Novembru 1996 tigi ritrattata a bazi tal-artikolu 811(a) u (k) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) .

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni .

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

(1) Illi in linea preliminari, ic-citazzjoni odjerna hija rrita u nulla ghaliex imkien fic-citazzjoni l-attur ma talab illi qabel xejn tithassar is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta’ Novembru 1996 fil-kawza fl-ismijiet ‘Eucharist Cassar nomine –vs- Savio Spiteri’, haga illi rikjesta ad validitatem ai termini tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 qabel ma tkun tista’ tigi ritrattata l-imsemmija kawza ;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din ic-citazzjoni odjerna hija wkoll irrita u nulla ghaliex ma hijiex akkompanjata bid-dokumenti necessarji sabiex b’xi mod isostnu t-talbiet attrici, u b’mod specjali d-dokumenti illi l-attur jghid illi **skopra** wara d-9 ta’ Gunju 1998 ;

(3) Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ma jezistux fil-fattispecje c-cirkostanzi u elementi necessarji sabiex tkun tista’ tigi permessa t-thassir tas-sentenza u r-ritrattazzjoni tal-kawza ai termini tal-artikolu 811 fuq citat ;

(4) Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk ghall-grazzja tal-argument setghu xi darba jezistu xi elementi illi jirrendu possibbli tali thassir u ritrattazzjoni, kwalunkwe dirtt talvolta spettanti lil Savio

Spiteri illi jitlob ir-ritrattazzjoni kien, fil-mument tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni, kolpit bid-dekorrenza tat-terminu ta' dekadenza ta' tlett xhur ai termini tal-artikolu 818 tal-Kap. 12 ;

(5) Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz odjern mhux veru illi l-konvenut adopera xi qerq bi hsara tal-attur, kif lanqas huwa veru illi jistghu jezistu xi dokumenti illi jistghu juru bic-car li l-ammont mitlub mill-konvenut ma kienx dovut mill-kontro parti u illi **l-attur ma kienx jaf bihom fil-mument illi nghatat is-sentenza illi taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni, jew li ma setghax igib qabel bil-mezzi li taghtih il-ligi .**

(6) Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur .

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

"Ikkunsidrat :

"Illi din hija kawza fejn qed tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawza ohra li nqatghet b'mod definittiv u ma kienx hemm appell minnha . Fid-**Diritto Processuale Civile** tas-serie **Manuali Giuridici** (Edizione Giuridiche Simone – 2000) fil-kapitolu IV li jittratta "***La revocazione***" pag. 411 insibu spjegat illi :

"*La revocazione sostituisce un mezzo di impugnazione limitato a singole ipotesi tassattivamente indicate all'articolo* (sic) *395 c.p.c. Essa e' fondata sulla esistenza di particolari circostanze che, se fossero state conosciute dal giudice, avrebbero portato ad un giudizio diverso*."

"Imma qabel ma l-Qorti tkun tista' tipprocedi sabiex tezamina l-kaz, trid tigi trattata eccezzjoni preliminari tal-konvenut li tirrigwarda n-nullita' o meno ta' dawn il-proceduri prezenti . Permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut jikkontendi illi c-citazzjoni odjerna hija irrita u

nulla ghaliex imkien fic-citazzjoni l-attur ma talab illi qabel xejn tithassar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti tal-14 ta’ Novembru 1996 fil-kawza li taghha qed tintalab r-ritrattazzjoni .

“L-artikoli 811 et. seq. tal-Kap. 12 li jirregolaw din il-materja ta’ ritrattazzjoni jistipulaw illi kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell jew minn Qorti ta’ l-ewwel grad li ghaddiet in gudikat, tista’ fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, **wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza**, ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-art. 811 .

“Kif insibu spjegat fid-duttrina legali in materia, il-procedura f’kawza simili hija illi :

“…. *Nel giudizio di revocazione si deve dapprima esaminare dai giudici la questione pregudiziale ‘se sia, o no, ammissibile la domanda di revoca, perche’ proposta nei modi, nei termini, contro sentenza, e per alcuno (sic) dei titoli indicati dall’attore e determinati dalla legge negli articoli 494 e 495 del Codice di procedura civile’ .*

*Quando siffatta questione sia risolta negattivamente l’autorita’ giudiziaria, con la stessa sentenza, con cui rigetta la domanda per revocazione, condanna l’attore nella perdita della somma, che fu depositata a titolo di multa, e di piu’ nelle spese del giudizio, e, occorrendo, anche nel risarcimento dei danni sofferti dall’altra parte .*

*Se invece la domanda dell’attore e’ accolta, la sentenza, che ammette la revocazione, ordina la restituzione delle somme depositate, e rimette le parti nello stato in cui erano prima della pronunciazione della sentenza revocata: che se questa gia’ fosse stata esegiuta, si dovra’ restituire l’esatto cogli interessi dal giorno del pagamento.”*

(**L. Mattirolo**: Trattato di Diritto Giudizziario Civile Italiano vol. IV 5ta ed. Torino: 1904 # 950, 951).

“Il-Qrati taghna wkoll kellhom diversi opportunitajiet jippronunzjaw ruhhom dwar kif ghandha tigi ttrattata kawza simili : Fl-Appell Civili: “Kontrollur tad-Dwana vs. Michael Zammit et. deciza fil.5.6.1985 (Kollez. Vol. LXIX Pt. II. p. 220 et. seq.) gie mfisser illi :

“*L-artikolu 814 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (illum l-artikolu 811) jiddisponi illi ‘ kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell, tista’, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda mir-ragunijiet li gejjin …..’ u l-artikolu 823 (illum 820) jghid illi (1) meta t-talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza appellata, il-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-mertu fl-istess gurnata jew f’ohra li tiddestina l-Qorti u (2) izda fuq talba ghar-ritrattazzjoni ghandha tinghata dejjem sentenza separata .*

*“Jidher car mill-imsemmija kliem ta’ l-Artikoli ccitati illi l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg skopi, jigifieri dak li tigi annullata sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga’ tiftah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza . Ghalhekk il-gudizzju tar-ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina bhala “il rescindente” u “il rescissorio” .*

*“Il-ligi ghalhekk trid li qabel xejn tigi mhassra jew revokata in toto s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir totali mhux possibbli li l-kawza tigi ttrattata mill-gdid . Huwa biss wara li jkun sar dan li tista’ ssir it-trattazzjoni l-gdida tal-kawza billi sakemm dan it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta’ ostakolu ghar-riezami tal-kawza* (Qorti ta’ l-Appell, Neg. Paolo Borg vs Neg. Francis Grech et 27 ta’ Gunju 1949, Kollez. De. vol. XXXIII. I. 754) …. ”

“Fil-kaz in ezami nsibu illi ghalkemm fil-premessi tieghu l-attur jindika diversi ragunijiet ghaliex fil-fehma tieghu l-kawza msemmija fic-citazzjoni ghandha tigi ritrattata, imbaghad fit-talbiet jillimita ruhu sabiex jitlob biss ir-ritrattazjzoni, minghajr ma jitlob qabel xejn ir-revoka tas-sentenza kontestata . Din il-Qorti ghalhekk f’tali

cirkostanzi ma tista' qatt tilqa' t-talba ta' l-attur ghar-ritrattazzjoni, anke jekk jidrilha li jista' ghandu ragun fuq x'hiex jitlob li terga' tinstema mill-gdid il-kawza kontestata, ghax dejjem tibqa' ta' ostakolu l-istess kawza kontestata li ghaddiet in gudikat .

"Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, tiddikjara c-citazzjoni odjerna irrita u nulla ghax ma ntalbitx ukoll ir-revoka tas-sentenza kontestata, haga ndispensabbli fi procedura ta' ritrattazzjoni bhalma hi dik prezenti .

"L-ispejjez ikunu a karigu ta' l-attur."

## <u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>

2. Minn din is-sentenza l-attur appella fuq l-aggravji segwenti, jigifieri li,

(1) L-ewwel Qorti interpretat b'mod ristrett il-provvedimenti ta' l-Artikolu 811 et seq. tal-Kap. 12.

Illi talba ta' l-attur appellant ghar-ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811 timplika illi wara li jigi accettat li hemm bazi soda u ragunijiet validi skond il-ligi biex tista' ssir ir-ritrattazzjoni, din issir u l-kawza terga' tigi mismugha wara li tithassar is-sentenza gia` moghtija.

(2) Illi f'kaz li t-talba ghar-ritrattazzjoni ma tintlaqghax allura ma jsegwix li s-sentenza gia` moghtija trid ta' bilfors tithassar.

Ir-ritrattazzjoni tinkorpora stadji differenti, u mhux minnu illi <u>qabel xejn</u> skond l-eccezzjoni preliminari, l-ewwel trid tithassar is-sentenza moghtija, ghal din ir-raguni.

(3) Illi fi kwalunkwe kaz it-talba ta' l-attur appellant fic-citazzjoni ghar-ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811 tinkorpora fiha nnifisha t-talba biex tithassar is-sentenza moghtija skond il-kaz, tant hu hekk illi l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 iccitat mill-attur appellant fit-talba tieghu ssemmi r-ritrattazzjoni wara li tigi mhassra dik is-sentenza ghar-ragunijiet imsemmija.

Ghalhekk huwa talab ir-revoka tas-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT GHALL-APPELL TA' L-ATTUR**

3. In risposta l-appellat wiegeb in sostanza hekk:

(1) Illi qabel xejn, u pricinparjament (sic!) sabiex tigi evitata l-possibilita` ta' xi rikors ta' ritrattazzjoni iehor da parti ta' l-attur, hemm lok illi l-okkju ta' dan l-appell jigi koreggut in kwantu ic-citazzjoni giet prezentata kontra 'Eucharist sive Chris Cassar f'ismu u bhala proprjetarju tad-ditta 'Giov. Cassar & Sons';

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appell odjern huwa totalment infondat fid-dritt u fil-fatt u ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-appellant, prevja l-konferma tas-sentenza appellata.

(3) L-appellat jazzarda jmur oltre u jissottometti illi dan l-appell huwa wiehed frivolu u vessatorju u ghalhekk ghandhom jigu applikati kontra l-appellant, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens illi huwa jigi kundannat ihallas l-ispejjez ta' dan l-appell doppjament.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4.1 Ghall kull buon fini din il-Qorti tirrileva, u dan b'riferenza dwar jekk hemmx lok ta' xi korrezzjoni fl-okkju li ma giex riportat shih "fl-okkju ta' l-appell" din il-Qorti tosserva li minkejja l-fatt li huwa minnu li l-okkju riportat fis-sentenza mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ssemmix il-kwalifika shiha rigwardanti l-konvenut jibqa' l-fatt li c-citazzjoni attrici hija diretta kontra Eucharist sive Chris Cassar personalment, imqar jekk gie citat bhala ezercenti l-kummerc taht id-Ditta Giov. Cassar & Sons. Il-posizzjoni kienet tkun differenti li kieku din id-ditta kellha personalita` guridika distinta u separata mill-persuna tal-konvenut – li pero` mhux il-kaz. Fil-fatt, u dan gustament, lanqas l-appell interpost ma jaghmel xi referenza ghal din l-ommissjoni nnokwa da parti ta' l-ewwel Qorti.

4.2 Fl-att tac-citazzjoni promotrici, l-attur appellant talab li gej, jigifieri li l-ewwel Qorti,
“1. Tordna li l-kawza fl-ismijiet Eucharist sive Christ Cassar f’ismu u bhala proprjetarju tad-ditta ‘Giov Cassar & Son’s’ kontra Savio Spiteri, citazzjoni numru 227/96 <u>deciza b’sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti</u> fl-14 ta’ Novembru 1996, <u>tigi ritrattata</u> a bazi ta’ l-Artikoli 811(a) u (k) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).” (Sottolinear tal-Qorti)

4.3 Mis-suespost jirrizulta kjarament li ma saret ebda talba espressa ghall-fini tar-revoka tas-sentenza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni. Dan ifisser li l-appellant qieghed kwindi jippresupponi l-possibilita` li filwaqt li hemm kawza li ghaddiet in gudikat, huwa jista’ jitlob li din tigi ritrattata filwaqt li tibqa’ fis-sehh id-decizjoni moghtija. Haga bhal din kjarament tammonta ghal spropozitu legali. Huwa ghalhekk inutili ghall-appellant illi jipprova jikkolma, billi jissana, din il-mankanza grossolana tieghu b’lanjanzi fis-sens li l-ewwel Qorti “interpretat b’mod ristrett il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 811 et seq. tal-Kap. 12”; jew li “mhux minnu illi qabel xejn skond l-eccezzjoni preliminari, l-ewwel trid tithassar is-sentenza moghtija” peress li r-ritrattazzjoni tinkorpora fiha stadji differenti; jew li “fi kwalunkwe kaz it-talba …. tinkorpora fiha nfisha t-talba biex tithassar is-sentenza moghtija skond il-kaz”. L-appellant ghandu dritt li jabbraccja fehmiet bhal dawn imma b’daqstant ma jfissirx li ghandu wkoll ragun, u li kieku ha l-briga li jezamina l-ghexieren ta’ sentenzi li nghataw minn dawn il-Qrati fuq dan il-punt kien facilment jinduna kemm huwa zbaljat.

Hekk, fost hafna sentenzi ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Gaetano Fenech v. Maria Pisani** moghtija fil-11 ta’ Dicembru 2002, minn din il-Qorti, kif komposta, gie ritenut hekk,
….“(Issa) l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 jistipula kjarament li kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell tista’ fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza.

Una volta ghalhekk li din it-talba ghal fini tar-revoka tas-sentenza surreferita baqghet ma ntalbitx, it-talba ghal fini ta' ritrattazzjoni maghmula mill-konvenuta ma tistax tigi akkolta, imqar jekk xi wahda mir-ragunijiet li jinsabu elenkati fl-istess Artikolu 811 ghal fini ta' ritrattazzjoni tkun tissussisti.

“Jidher car mill-kliem ta' l-Artikolu 811 fuq citat li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet, jigifieri dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga' tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza.  Isegwi ghalhekk li l-gudizzju ta' ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina legali bhala “in rescindente” u “in rescissorio” (ara wkoll Koll. Vol. LXIX-II-pp219).  Il-ligi taghna tal-procedura ghalhekk trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza impunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibbli li l-kawza tigi trattata mill-gdid.  Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun u tibqa' ta' ostakolu ghar-ri-ezami tal-kawza (ara wkoll sentenza fl-ismijiet “Neg. Paolo Borg v. Neg. Francis Grech et” tas-27 ta' Gunju 1949, Qorti ta' l-Appell, Koll. Vol. XXXIII-I-754).

Jinghad ukoll li meta l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni, il-legali ta' l-appellant imsejjah diversi drabi biex jitratta baqa' ma deherx u dan minghajr ebda gustifikazzjoni – fatt ghal kollox deplorevoli.  Minkejja dan, din il-Qorti xorta wahda kienet indulgenti sal-punt li minhabba l-prezenza fl-awla ta' l-appellant u r-riferenzi ghal xi kazistika in materja msemmija mill-kontroparti appellata, hija tat zmien sas-6 ta' Marzu 2006 lill-appellant biex jipprezenta nota ta' riferenzi. Ghal darb'ohra pero` baqa' ma sar xejn. Frankament ghalhekk huwa wisq evidenti li l-appell intavolat huwa fieragh u vessatorju jimmerita censura kif hemm kontemplat fl-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-appell ta' l-attur, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li qeghda

tikkundanna wkoll lill-attur appellant li jhallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.
D

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------